# <u>TRIBUNAL INDUSTRJALI</u>

## DECIZJONI NUMRU 2755

**Kaz Nru. 3403/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Christopher Briffa (I.D. 208779 M)**

**u**

**Jordi Pavia a nom u in rapprezentanza tas-socjeta' The Nuance Group (Malta) Ltd C2872 u wara l-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2016, ghandu jigi ndikat biss bhala The Nuance Group Malta Limited**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**<u>Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)</u>**

**Nhar l-Erbgha 15 ta' Settembru, 2021**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Christopher Briffa fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar il-25 ta' Settembru 2015 fejn sostna li t-terminazzjoni tal-impieg tieghu ma saritx ghal raguni valida skond il-ligi u ngusta fis-sens ta' *constructive dismissal*. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impieg kienet rizenja volontarja min-naha ta' Briffa.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm erbatax-il seduta fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mil-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi, minhabba s-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Frar 2016, in-numru ta' differimenti mitluba, u anke minhabba c-cirkostanzi krejati mill-pandemija Covid-19.

- **Rapprezentanza**

Christopher Briffa li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kellu l-assistenza ta' Dr Noel Camilleri.

Jordi Pavia / The Nuance Group, li minn issa l-quddiem ser jissejjhu s-Socjeta' ntimata kienet irraprezentata minn Dr Neil Chetcuti u Isabelle Pisani assistiti minn Dr Christian Farrugia.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-impjieg tal-Appellant mas-Socjeta' ntimata beda fi Frar 2010 u dan fil-kariga ta' *Warehouse Manager*, pero' aktar tard zdiedu d-doveri ta' *Logistics.*

Dan l-impjieg gie fi tmiemu nhar it-3 ta' Gunju 2015 meta l-Appellant irrizenja.

Huwa jsostni li r-rizenja tieghu mill-impjieg kienet wahda sfurzata minhabba allegazzjonijiet fil-konfront tieghu.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Christopher Briffa** l-Appellant xehed li huwa kien beda l-impjieg tieghu mas-Socjeta' ntimata fi Frar 2010 bhala *Warehouse Manager*. Huwa spjega li wara xahar huwa nghata wkoll ir-rwol tal-*Logistics*. Fejn allura kompla x-xhud il-grad gie *Warehouse & Logistics Manager*. Ix-xhud qal li bhala *staff* fir-responsabilita' tieghu kellu 6 persuni pero' fis-sajf dan kien jitla' ghal 9/10. Ix-xhud spjega li x-xoghol tieghu kien li jissuplixxu fuq bazi kwotidjana l-4 hwienet li s-socjeta' kellha fl-ajruport. Huwa stima li l-valur tal-prodotti fornuti fil-livell ta' bejn €8 u €10 miljun fis-sena.
Ix-xhud ghadda sabiex jispjega d-dettal tax-xoghol tieghu u b'mod partikolari s-sistemi ta' ccekkjar inkluz *exit checks* fuq il-haddiema huma u hergin, sabiex ma jkunx hemm serq, fejn qal li wara sentejn li huwa kien talab, kienet giet stallata sistema ta *CCTV*. F'dan il-kuntest ta' ccekjar ix-xhud ta dettalji ta' kaz kif kienu nqabdu zewg impjegati wara li kienu nqabdu bi grossos ta' sigaretti u flixkun *whisky.*
Ix-xhud wara ghadda sabiex ta rendikont tar-relazzjoni tieghu mall-*General Managers*, fejn qal li kemm dam jahdem maghhom inbidlu 4 darbiet. Spjega li bhala gerarkija manigerjali kien hemm *General Manager, Shop Manager, Financial Controller, Human Resources Manager* u hu. Qal li apparti s-salarju kien jinghata '*performance bonus*' u li tul l-4 snin li dam fl-impjieg dan dejjem inghata.

Ix-xhud spjega li fl-4 ta' Mejju 2015 fil-frattemp li l-kumpanija Nuance kienet inxtrat minn Dufry, kienet giet Malta minn Zurich ir-*Regional HR Manager* Celine Heinrich, fejn din kienet talbet *meeting* mieghu. Il-*General Manager* kien Jordi Pavia, li kien ilu li nhatar 3 gimghat. Ix-xhud qal li dan il-*meeting* kien dam madwar siegha. Ix-xhud qal li dan il-*meeting* zvolga f'wiehed fejn din bdiet takkuzah li kien qieghed ibghabas jew kien jaf min qieghed ibghabas fl-*istock* u huwa ma kien qieghed jaghmel xejn. Meta mistoqsi mit-Tribunal kienux jezistu minuti ta' dan il-*meeting*, ix-xhud qal li ma jezistux pero' huwa kien zamm xi noti.
Ix-xhud sahaq li l-*meeting* kien kollu akkuzi kontrih u rrakonta kif f'hin minnhom talab lil Ms. Heinrich sabiex tqis sewwa x'kienet qed tghid ghaliex diskorsa ma kienx ser jigi tollerat u li jekk ma kienetx ser titlob skuza kien lest li jiehu passi legali.
Ix-xhud kompla li Heinrich bdiet takkuzah li fi Frar 2015, kien sar *internal audit* minn barra sabiex jaraw l-operat ta' Malta fejn wara li kienu ghamlu *spot-checks*, kienu qiesu b'certa mportanza li l-*istock losses* bhala gholjin. Ix-xhud qal li l-*General Manager* kien oppona ghal din l-osservazzjoni tant li qal li l-*istock losses* ta' Malta kienu f'livell tajjeb u qatt ma eccedew il-*budget* allokat. Huwa qal li minn *spot-checks* li din kienet ghamlet, kienet sabet varjanza ta' *item* wiehed biss minn prodott partikolari u dan minn fost xi mitt prodotti differenti.
Ix-xhud kompla li xi jumejn wara dan il-*meeting* kien sar *meeting* iehor ma' kull *manager* fejn kienu nghataw *KPI's* godda ghal Mejju bl-*istandards* ta' Dufry.
Ix-xhud spjega li fir-riferut *meeting* ta' Mejju, akkuza ohra li kienet saritlu, u li huwa kien qieghed jimxi kontra r-regoli tal-kumpanija ghaliex bhala wiehed li jiehu hsieb il-*warehouse* huwa kien jaghmel l-ordnijiet u jircievi x-xoghol. Ix-xhud qal li dawn id-doveri kien jaghmilhom ghaliex kienu gew assenjati lilu mill-*G.M.* Adil Raihani. Fil-kuntest ta' dan, ix-xhud qal li 80% ta l-ordnijiet ta l-*istock* isiru direttament minn Zurich u mill-bqija tal 20%, huwa kien inkarigat biss minn xiri ta' *souvenirs* li kienu jinxtraw minghand Spirit of Malta u li kien jammonta ghal madwar €200,000, li kien percentwali zghir tal-*budget* kollu. Ix-xhud qal li Heinrich kienet ukoll akkuzatu li kien jaf b'xi kaz ta' abbuz sesswali u ma kien ghamel xejn.
Ix-xhud qal li minkejja li kien sar dak id-diskors fuq l-operat tieghu voldieri li kien hemm is-serq u li hu kien jaf bih u ma ghamel xejn, sa sitta / seba' xhur wara li kien spicca fil-*warehouses* l-istess impjegati ghad hemm. Ix-xhud qal li ma kienx jaf jekk dawn l-akkuzi kienux allaccjati mall-*G.M* il-gdid Jordi Pavia li skond hu ried jaghmel *clean sweep* mill-*Management.*
Ix-xhud qal li wara l-laqgha li kellu ma' Celine Heinrich kien baghtilha *e-mails* fejn kien qalilha li ma kienx qed jaqbel ma' dak li kienet qalet fuqu u kien talabha tiskuza ruha.
Ix-xhud qal li f'dawn il-messaggi kien informa lil Heinrich li huwa kien lest li jikkopera sabiex dak li hemm bzonn jigi rrangat izda qalilha li fuq certi punti ma kienx qed jaqbel maghha.

Ix-xhud qal li kien sema' minghand Bruno Martins li kien *GM* dak iz-zmien li dwaru kien hemm xi ghidut li fil-*Warehouse* kien hemm it-tahwid. Ix-xhud qal li dan kien qallu li f'dan l-ghidut kien qed jissemma hu (il-*GM*), l-Appellant u l-*Financial Controller*.
Ix-xhud qal li dwar l-ittra anonima sar jaf biha wara li kien telaq mill-kumpanija.
Ix-xhud spjega li qabel ma kienet saret il-laqgha bejnu u bejn Heinrich kien sar *Internal Audit* fil-*Warehouse* u fil-hanut u wara dan l-awditjar kien sar rapport. Ix-xhud qal li huwa kien ikkontesta zewg affarijiet minn dan ir-rapport. Affari minnhom kienet tikkoncerna xi diskrepanzi li nstabu fil-hanut, fejn tali hanut ma kienx jaqa' taht ir-responsabilita' tieghu.
Ix-xhud qal li matul il-laqgha ta' siegha li kellu ma' Heinrich, kostantament din kienet tpoggih that pressjoni u takkuzah li '*…you're not doing your job*' u dan fir-rigward ta' *Stock Management, Stock Losses,* li ma jaghtiex kaz ta' serq li jsir fil-kumpanija u affarijiet ohra.
Ix-xhud qal li l-laqgha kienet wahda movimentata, tant li kien qalilha sabiex toqghod attenta ta' dak li kienet qieghda tghid ghaliex huwa ma kienx qed jaccetta l-akkuzi u li kien ser jiehu azzjoni. Ix-xhud qal li hija kompliet takkuzah b'nuqqasijiet fl-operat tieghu. Ix-xhud kompla li dan kien jikkuntrasta mall-fatt li sa gurnata qabel kien ghadu kif gie moghti *Performance Review* posittiv. Ix-xhud kompla li wara din il-laqgha kien hareg kommoss u wara kien baghat sensiela ta' *emails* juriha li ma kienx jaqbel ma' dak li kienet qaltlu izda hija baqghet issostni, '*… what I've said is what I mean.*'. Huwa sostna li l-*GM* Jordi Pavia qatt ma kellmu dwar din l-affari minkejja li kien ikun ikkupjat fl-*emails*. Ix-xhud qal li huwa kien irrizenja xahar wara l-laqgha li kellu ma' Heinrich.
Huwa sahaq illi huwa kellu bil-fors jirrizenja minhabba qlajjiet infondati li kienu saru fuqu, qlajjiet li waslu wara li kien hemm ittri anonimi li ntbghatu lid-Diretturi lokali tal-kumpanija, kif ukoll lil Jordi Pavia li kien *General Manager* meta huwa kien ghadu fl-impjieg.
Ix-xhud kompla li huwa jaf li jezistu l-ittri anonimi ghaliex persuni ohra li gew imsemmija fihom gew mistoqsija dwar il-kontenut taghhom. Ix-xhud sostna li huwa jaf li dawn l-ittri gew mghoddija lill-*Management* bl-idejn.

**Qabel ma' l-Appellant temm ix-xhieda tieghu l-Avv. Noel Camilleri iddikjara li min-naha tal-Appellant kien hemm l-intenzjoni li jitressqu xi xhieda biex jissostanzjaw dak li xehed dwaru l-Appellant, izda wara li tkellmu maghhom dawn ma xtaqux jixhdu peress li ghadhom impjegati.**

**Isabelle Pisani** xehdet li hija ilha tahdem mall-kumpanija ghal madwar 30 sena. Hija qalet li hija tokkupa l-kariga ta' *HR Manager* u qabel kienet *Assistant Manager* ta' l-istess dipartiment.
Hija kompliet li lill-Appellant tafu bhala kollega u dan sa minn meta beda jahdem mall-kumpanija, fejn hija qalet li l-ewwel beda bhala *Warehouse Manager* u wara

ftit inghata wkoll id-doveri tal-*Logistics*. Ix-xhud wara spjegat b'mod komprensiv id-doveri li kien jaghmel l-Appellant.

Ix-xhud wara qalet kif kien jigi registrat element ta' *pilfering* kemm mill-*Warehouse* u anke mill-erba' hwienet li kellha l-kumpanija fl-ajruport. Hija sostniet li l-*pilfering* mill-*Warehouse* kien isir mill-impjegati ghaliex il-pubbliku ma kellux access ghal hemm. F'dan il-kuntest hija qalet li kienu gew imkeccija xi mpjegati. Ix-xhud qalet li fiz-zmien li l-Appellant kien ghadu mpjegat kien hemm zewg impjegati li huwa kellu susspetti fuqhom wara taghrif li kienet ghaddietlu t-*Team Leader* Alexandra Sciberras. Fil-fatt, kompliet ix-xhud dawn iz-zewg impjegati kellhom l-impjieg taghhom mitmum wara li gie zvelat li kienu qed jisirqu.

Ix-xhud wara ghaddiet biex tat dettalji ta' kif il-*Management* jamministra *exit spot-checks* ghal gharrieda fuq l-impjegati. Wara x-xhud spjegat kif isir l-*istock take,* kemm dak generali li jsir kull sena u dak li jsir darba fix-xahar fuq kategoriji ta' *items*.

Ix-xhud wara tat dettalji tal-*financial package* tal-*Management grades,* fejn hija spjegat li apparti s-salarju hemm '*performance bonus*' li jinghata darba f'sena f'Dicembru, u '*car allowance*' li tithallas kull xahar. Ix-xhud spjegat li l-*performance bonus* ghandu massimu ta' 15% tas-salarju baziku u jinghata 'a bazi' ta' tlett obbjettivi li jkunu abbinati mall-operat tad-dipartiment.

Ix-xhud spjegat li llum wara rapport li kien sar minn awditur barrani, l-*Warehouse Manager* ma jaghmilx *purchasing* izda dawn id-doveri qed jaghmilhom *Purchasing Administrator*.

Hija spjegat ukoll li nholoq grad ta' *Merchandising Administrator*. Spjegat li dawn jirrispondu direttament lill-*General Manager*. Ix-xhud qalet li dan ir-rapport kien sar minn *internal auditor* barrani u meta l-Appellant kien ghadu impjegat tal-kumpanija. Dawn iz-zewg karigi kienu mtlew f'Gunju 2015 u r-rapport tal-awditur kien sar f'Marzu.

Ix-xhud qalet li llum il-*Merchandising* isir minn Bogdan Miglika u li grad tieghu huwa wiehed baxx taht s-*Sales Assistant*.

Ix-xhud kompliet billi qalet li lil Celine Heinrich tafha bhala r-*Regional HR Director*. Ix-xhud qalet li hi kienet tirrispondi kemm lil Heinrich u anke lill-*GM* f'Malta li dak iz-zmien kien Jordi Pavia li kien gie mwaqqaf u llum huwa Ignazio Salsedo.

Ix-xhud spjegat li meta kienet giet Malta Heinrich hija ghamlet *one-to-one meetings* ta' madwar 20 minuta mall-*managers* kollha. Hija qalet li ma kinux jinzammu minuti ta' dawn il-laqghat pero' ma eskludietx li Heinrich setghet ghamlet xi notamenti li zammithom hi.

Ix-xhud wara ghaddiet biex tispjega li l-*Personal Files ta'* kull impjegat ikunu merfughin fl-ufficcju tal-*HR Department*. Hija spjegat li l-*Appraisal Reports* tal-impjegati sal-livell taht il-*Managers* jitpoggew fil-*personal file* pero' dawk li jappartjenu lill-persuni fi grad manigerjali jintbghatu ghand l-*HR* ta' barra.

Kompliet li fil-kaz ta' dawn il-persuni, l-*HR* ta' Malta, jkun infurmat biss bl-ammont tal-*Performance Bonus* li jkun ser jigi mhallas. Ix-xhud kompliet li hija ma tirceviex kif ikun inhadem l-ammont pagabbli tal-*Performance Bonus* izda l-ammont biss.
Ix-xhud qalet li sa fejn taf hi l-Appellant kull sena kien ircieva tali *bonus*. Ix-xhud qalet li apparti in konnessjoni ma' dan il-kaz quddiem it-Tribunal, il-*Personal File* tal-Appellant hadd qatt ma talab biex jarah.
Ix-xhud sostniet li l-ittra anonima li ssemmiet f'dan il-process kien qalilha biha l-Appellant innifsu, meta dan kien ghadu mpjegat.
Ix-xhud stqarret li wara l-laqgha li l-Appellant kellu ma' Heinrich, huwa kien qalilha li ma kienx ser joqghod ghal kliem li kienet qaltlu u qalilha li kien ser jirrizenja.
Ix-xhud kompliet li hija kienet qaltlu li jekk kien qed ihoss li ma kienx qed jaqbel ma' dak li qaltlu Heinrich kien igeghla tissostanzjah u mhux jirrizenja.
Ix-xhud tenniet li f'dak l-ambitu ta' diskussjoni l-Appellant kien qalilha li issa kien ic-cans ghaliex kellu offerta ta' zewg *jobs*, tant li '…ahjar issa li ghandi zewg ghasafar f'idi milli jghaddi z-zmien u ma jkolli xejn'.
Ix-xhud qalet li minn mall-kumpanija kull tant zmien ikun hemm min jirrizenja, u hija bhala *HR* tistaqsi jekk tali rizenja kienetx minhabba li jkun sar xi nuqqas maghhom min-naha tal-kumpanija u dejjem kullhadd qalilha li ma kienx il-kaz.

**Ignazio Salsedo** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa jokkupa l-grad ta' *General Manager* u li ilu f'din il-kariga sa minn Lulju 2016. F'dan il-kuntest huwa stqarr li t-temm tal-impjieg tal-Appellant sehh qabel huwa beda f'Malta. Dwar il-*performance bonus*, ix-xhud stqarr li huwa jista' jitkellem dwar kif dan jinghata illum u mhux kif kien jnghata qabel zmienu.
Huwa qal li l-unici *records* li huwa ghandu fir-rigward ta' x'sar qabel f'dan ir-rigward kienu l-ammonti moghtija u lil min. F'dan ir-rigward ix-xhud ipprezenta kopja li kienet tindika l-ammonti ta' *performance bonuses* li kien inghata l-Appellant.
Dwar ir-raguni ghaliex l-appellant kien irrizenja x-xhud wiegeb li huwa ma kienx jaf. Ix-xhud qal li wara li l-Appellant kien irrizenja, zewg persuni okkupaw dik il-kariga u kienu rrizenjaw ukoll.

**Celine Heinrich** bdiet ix-xhieda taghha billi qalet li hija kienet *Group Manager HR* fejn fost funzjonijiet ohra kellha dak li tintegra l-operazzjonijiet fi Nuance Company li kienu jinkludu ukoll Malta Operations. Hija qalet li saret taf lill-Appellant bhala *Logistic Manager* meta dan kien jokkupa parti mill-*Management Team* f'Malta li kien fih erba' *managers*. Hija qalet li fl-2015 kien inbidel il-*General Manager* u fl-1 t'April 2015 kienet involuta fit-trasferiment tal-persuna li kellha tokkupa l-kariga u li kienet giet minn Miami. Hija spjegat li Nuance trid tkun awditjata kull sentejn u li f'Malta kien sar fi Frar 2015 kien sar *Internal Audit* fejn kienu gew osservati diversi '*findings'*.

Ix-xhud qalet li f'Mejju 2015 meta kienet qed taghmel *HR training*, min-naha tal-*Internal Audits* kienu qalulha sabiex tikkonduci intervisti mall-*Managers* fir-rigward ta' l-awditjar serju li kien gie kondott aktar qabel.
Hija qalet li kienet taf li l-Appellant kien ilu fil-kariga ghal hames snin fejn kien responsabbli mil-logistika, inventarju u anke mill-*istock*. Hija qalet li kienet izzur Malta darbtejn fis-sena ghal skopijiet ta' tahrig. Hija qalet li kienet f'Malta fl-2014. Hija qalet li apparti din id-darba qatt ma kienet iltaqghet mall-Appellant.
Hija tenniet li fiz-zjara taghha ma kienetx iltaqghet biss mall-Appellant izda ma' kull *Manager*. Spjegat li l-ghan taz-zjara kien sabiex tkun taf x'mizuri ttiehdu fir-rigward tar-rapport tal-*internal audit* li kien sar tlett xhur qabel u li kien sar materja urgenti ghall-grupp, u minhabba li l-*General Manager* ma kienx qed ihossu issapportjat mill-*managers*. F'dan il-kuntest hija sostniet li l-Appellant kien jaf li l-*internal audit report* kien responsabilita' magguri tieghu peress li 75% tar-rapport kien jikkoncerna '*logistic proposals and stock reconciliation*'. Hija qalet li fil-kaz tal-kumpanija *internal audit* kien process serju hafna peress li l-kumpanija hija llistjata fl-*Istock Exchange*. Hija qalet li fil-laqgha li kellha mall-Appellant dan ma tantx wera nteress li jigu mitigati l-*issues* li kienu gew imqajjma fl-*internal audit report*.
Hija qalet li fil-laqgha li kellha mall-Appellant kienet staqsiet x'azzjonijiet kienu ttiehdu minnu u x'soluzzjonijiet kienu sehhew vis-a-vis ir-rapport li kien hareg fi Frar 2015. Hija kienet staqsiet ukoll ghar-rejazzjoni tieghu dwar ir-rapport, fis-sens jekk kienx jaqbel mieghu, u x'kien qed jahseb it-*team* tieghu. Hija qalet li hija riedet rispons minn ghandu ghaliex ma setghetx tmur lura fl-Isvizzera b'xejn. Hija ddeskriviet l-atteggjament tal-Appellant bhala 'distant hafna', fejn donnu ma hax responsabilita'. Hija tenniet li kienet sorpriza kif wara xhur huwa ma kellux hjiel ta' x'kien il-kagun tal-problema, fejn kien evidenti li l-anqas tkellem dwaru mall-*General Manager* il-gdid. Hija tenniet li l-Appellant kien wiehed mill-persuni li ma kinux qed jissapportjaw u ma laqghux lill-*GM* il-gdid. Hija kompliet li kienet ittendiet b'dan ghaliex wara xahar mill-hatra tieghu kienet tkellmet mieghu fejn dan kien ruhu mhux komfortabbli bis-sitwazzjoni.

Ix-xhud kompliet li dwar din il-materja kienet tkellmet mall-Appellant fejn ippruvat tirresponsabilizzah fejn fakkritu li bhala *Logistic Manager* li tinstab soluzzjoni ghall-*issues* imqajjma fir-rapport kien importanti hafna fid-dawl tal-fatt li l-entita' f'Malta issa kienet taghmel parti minn grupp gdid li huwa *Stock Exchange Listed* u kien imperattiv li l-*internal control* kien aspett importanti li jigi maniggjat sew.
Hija stqarret li diskussjonijiet dwar *internal audits report* qatt ma jkunu tahdita komfortabbli, u li dik li kellha mall-Appellant kienet wahda '*cold*' u '*wasn't the most friendly*'. Meta kkomparat dak li sehh fil-laqghat ma' l-erba' *Managers* ohra dwar dan ir-rapport hija qalet li dawn offrew soluzzjonijiet ghal dak li gie mqajjem fl-*audit report*, izda min-naha tal-Appellant ma rat l-ebda responsabilita' ta' azzjoni min-naha tieghu. Hija sahqet li l-Appellant ma ttrattax

ir-rapport bis-serjeta' u dan meta 75% tal-kontenut ta' dan ir-rapport kien dwar id-dipartiment tieghu. Hija sostniet li l-Appellant kien jaf bil-kontenuto tar-rapport ghaliex kien ikkupjat bhala ricevitur tieghu.
Hija qalet li l-ghada tal-laqgha li kellha mieghu, l-Appellant baghtilha *e-mail* fejn qalilha li kien dizappuntat, u li l-kumpanija ma kienetx qed tafdah. Hija tenniet li kienet sorpriza ghaliex il-laqgha li kellha mieghu ma kienetx dwar il-prestazzjoni tieghu. Hija qalet li kienet sorpriza meta huwa rrizenja, rizenja li ssorprendiet lit-*team* lokali. Wara hija rreferiet ghal numru ta' *emails* li ghaddew bejna u bejn l-Appellant u dan fi zmien ta' erba' gimghat sa meta huwa ddecieda li jirrizenja u jitlaq fi zmien qasir tant li anqas hadem in-*notice period.*
Ix-xhud qalet li fil-mansjoni taghha ta' *Group HR Manager* ma tiddecidiex hi dwar terminazzjoni ta' mpjiegi, izda dejjem tirreferi lill-*G.M.* tal-lokal u lill-*Group HR Director*.
Ix-xhud sahqet li fir-rigward tat-terminazzjoni tal-Appellant ma kellhiex kommunikazzjoni ma' hadd, izda kienet Isabelle Pisani l-*HR Manager* lokali li maghha kkomunika l-Appellant.
Ix-xhud qalet li l-intervista ma' kull *manager* kienet tinkwadra biss madwar ir-relazzjoni mall-*GM* u l-*internal audit report*. Fuq mistoqsija tat-Tribunal dwar jekk il-mod kif hija ddiskutiet mieghu dwar in-nuqqas ta' azzjoni min-naha tieghu ghar-rapport setax ikun interpretat li hija kienet qed takkuzah b'xi mankanzi fl-operat tieghu, hija wiegbet li ma tahsibx ghaliex ma kien hemm l-ebda akkuzi. Hija tenniet li hija kienet qed tistenna biss ir-rejazzjoni tieghu ghall-*issues* imqajjma fir-rapport. Dwar xi diskors li ntqal minnha dwar jekk il-persistenza tieghu li ma jindirizzax l-*issues* li kien hemm fir-rapport kienetx indikattiva li setghet tpoggi l-impjieg tieghu fil-periklu, x-xhud wiegbet li assolutament li le. Hija rriteniet li anke fil-korrispondenza bl-e*mails* li ghaddiet bejniethom wara l-laqgha ma kien hemm l-ebda referenza jew indikazzjoni ghal xi passi dixxiplinarji jew minacci fuq l-impjieg.

Ix-xhud sahqet li l-andament tal-laqgha li kellha mall-Appellant kien jittratta biss ir-rapport u ma kien hemm l-ebda cirkostanzi li setghet giet a konoxxenza taghha li setghet inflwenzat l-mod kif zvilluppat id-diskussjoni. Hija qalet li fl-esperjenza taghha ma' Nuance qatt qabel ma kienet semghet b'xi kaz ta' '*constructive dismissal'*.
Waqt il-kontro-ezami, x-xhud tenniet li r-riferuta zjara taghha f'Malta kienet in konnessjoni ma' tahrig u certu affarijiet li gew identifikati fl-*internal audit*. Hija sostniet li tali zjara ma kienetx konnessa mall-hatra ta' *GM* gdid li beda fl-1 ta' Frar ghaliex it-tahrig kien ippjanat sa minn tlett xhur qabel. Hija qalet ukoll li tali zjara serviet ukoll sabiex iltaqghet mall-*GM* gdid.
Hija qalet li filwaqt li l-Appellant kien responsabbli mill-*warehouse* u mhux mill-hwienet, hija qalet li oggetti klassifikati bhala *global* kienu jinxtraw minn sistema centrali gewwa Zurich izda oggetti lokali kienu jinxtraw lokalment.

Ix-xhud stqarret li kienet taf b'ghidut li l-Appellant seta' kien implikat f'xi *items* neqsin u li gew identifikati fir-rapport tal-awditur. Hija tenniet li dan kien ghaliex l-Appellant kien responsabbli mill-*warehouse*.
Ix-xhud cahdet li waqt il-laqgha li kellha mall-Appellant implikatu ma' kaz li kellu certu Paul u dan ghaliex il-kaz tieghu kien fuq materja differenti u cjoe' ta' *harassment* li ma kellu x'jaqsam xejn mall-*Audit report*.
Hija sahqet li fil-laqgha mall-Appellant qatt ma ghamlet xi referenza li gew ricevuti xi ittri li kien fihom allegazzjonijiet kontra l-Appellant. Hija cahdet ukoll li fl-istess laqgha insinwat li l-Appellant kien qed jghatti ghal xi persuni ohra.
Ix-xhud filwaqt li rrijaffermat li l-Appellant waqt il-laqgha mieghu ma ppropona l-ebda azzjonijiet fir-rigward tan-nuqqasijiet li gew identifikati fl-*audit report*, sahqet li la fi tmiem dik il-laqgha u l-anqas wara qatt ma semmiet li setghu jittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu minhabba l-inazzjoni tieghu u jew li l-impjieg tieghu kien minaccat. Hija cahdet li hija qatt heddet lill-Appellant li jekk ma jghidx il-verita' l-familja tieghu u persuni ohra kienu ser ibatu, jew li kellu jmur ghand Jordi Pavia u jghidlu x'jaf dwar l-ghidut. Hija cahdet li kienet ghamlet xi allegazzjonijiet fil-konfront tieghu jew li semmiet xi ittri li rat fil-*Head Office*. Hija qalet li wara l-laqgha marret lura l-Isvizzera u ma kellha l-ebda kuntatt iehor mall-Appellant. Qalet li r-reponsabilita' tas-sitwazzjoni kienet inghatat lill-*GM* sabiex isegwija.

**Karen Falzon** bdiet ix-xhieda taghha billi qalet li hija tahdem bhala Deputat Registratur il-Qorti fejn ilha f'din il-kariga 7 snin. Hija qalet li ilha taghmel traskrizzjonijiet 17-il sena. Hija stqarret li t-traskrizzjoni li kienet inkarigata taghmel minn fuq *pen drive* mghoddija lilha mill-Avv. Noel Camilleri kienet fidila mar-recording, korretta u leali. Hija qalet li minhabba li f'xi partijiet il-volum kien baxx, fit-traskrizzjoni hemm kliem nieqes. Meta giet murija u mitluba tikkonferma li dik hija x-xoghol li kienet ghamlet hi, x-xhud ikkonfermat.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Avv. Noel Camilleri** ghan-nom tal-Appellant beda biex sostna li l-agir ta' Celine Heinrich waqt il-laqgha li hija kellha mall-Appellant nhar l-4 ta' Mejju 2015, kien wiehed fejn saru numru ta' allegazzjonijiet serji fil-konfront tieghu, u fejn il-posizzjoni tieghu fi hdan il-kumpanija giet mhedda u mhux tennibbli.
Huwa kompla li dawn l-allegazzjonijiet ikkrejaw dubji rigward il-lealta', l-integrita' u l-etika ta' l-istess Appellant fil-konfront tal-kumpanija. Dan minkejja, sahaq l-Avv. Camilleri, li saru diversi tentattivi min-naha ta' l-Appellant sabiex is-sitwazzjoni tigi rimedjata.
Huwa kompla li filwaqt li matul il-laqgha riferuta Celine Heinrich ippruvat tpingi stampa fejn dak li skont hi kien hemm '*stock mismanagement'*, '*stock losses'*, kienu b'xi mod nuqqassijiet min-naha tal-Appellant, matul il-hames snin tal-impjieg tieghu huwa dejjem inghata *Performance Bonus*.

L-Avv. Camilleri temm billi qal li minkejja li l-Appellant gharraf lill-*Management* f'Malta bl-allegazzjonijiet Celine Heinrich li ghamlet fil-konfront tieghu dawn ma hadu l-ebda azzjoni u li propju kienet din in-nuqqas ta' azzjoni li wasslet ghar-rizenja sfurzata tal-Appellant mill-impjieg.

**Avv. Nerissa Bonavia Gatt** ukol ghan-nom tal-Appellant ghamlet diversi referenzi ghall-kazi fejn it-Tribunal Industrjali ddikjara rizenji formali bhala 'constructive dismissals'. Hija siltet numru ta' cirkostanzi fejn fil-fehma taghha dawn jixbhu x-xenarju li fih wassal lill-Appellant jaghti r-rizenja tieghu mill-impjieg.

**Avv. Christian Farrugia** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata beda billi sostna li Celine Heinrich ma kienetx tifforma parti mill-*Management* li maghha kien impjegat l-Appellant izda kienet *HR Manager* tal-Group li l-kumpanija f'Malta taghmel parti minnu.
Huwa kompla li hija kienet tigi kull sena fi zjara ta' 24 siegha fejn kienet taghmel *business like interviews* ma' kull *manager* u mieghu tiddiskuti *issues* konnessi max-xoghol u suggerimenti.
L-Avv. Farrugia qal li tali *interviews* mhux dejjem ikunu ta' natura leggera u li forsi f'dan l-*interview* kienu hemm certi affarijiet li nghadu li forsi l-Appellant hassu skomdu bihom.
Huwa sahaq li pero' ma jfissirx li dak li gie diskuss kien forma ta' tribunal biex hu jitkecca, jew xi process dixxiplinarju istitwit mill-Grupp jew mill-Kumpanija biex b'xi mod l-impjieg tal-Appellant ikun terminat.
L-Avv. Farrugia sostna li min-naha tal-*Management* qatt ma nbeda xi kaz b'rizultat ta' l-*interview* bejn Heinrich u l-Appellant, tant li meta mistoqsi s-*CEO* Jordi Pavia qal li huwa ma kien jaf b'xejn x'intqal fil-laqgha riferuta.

Huwa kompla min-naha tal-kumpanija qatt ma ghamlet xejn fil-konfront tieghu tant li nghata *performance bonuses*.
L-Avv. Farrugia sostna li kif filwaqt li f'kazi precedenti l-kumpanija hadet passi kontra haddiehor fejn kien hemm kazijiet serji dan ma sehhx fir-rigward tal-Appellant ghax ma kienx il-kaz.
L-Avv. Farrugia sahaq li jekk l-Appellant hassu urtat b'dak li ntqal fl-*interview* li kellu ma' Heinrich seta talab li jiltaqa' b'mod formali mall-*HR* tal-kumpanija biex jitkellem fuq il-kaz u jigu ndirizzati l-problemi tieghu. Huwa rrefera li meta l-Appellant ipprezenta l-ittra ta' rizenja, l-*HR* Pisani avvicinatu biex ma jirrizenjax.
L-Avv. Farrugia sostna li matul il-process saru allegazzjonijiet fil-konfront ta' Heinrich u ma ssemma xejn dwar is-*CEO* Pavia jew l-*HR* Isabelle Pisani bhala partecipi f'xi diskussjonijiet jew pressjonijiet fuq l-Appellant.

L-Avv. Farrugia għalaq billi qal li min-naħa tal-kumpanija ma kien hemm l-ebda ksur tal-kuntratt tax-xogħol tiegħu tant li l-kundizzjonijiet li kellu nkluż *performance bonuses* baqa' jgawdihom sal-aħħar, u ma saru l-ebda pressjonijiet li b'xi mod setgħu jitqiesu tant gravi li minħabba fihom kellha ssir riżenja.
Kull ma seħħ kienet *interview* ma' persuna li ma kienetx tifforma parti mill-*Management* tal-Kumpanija f'Malta u li l-andament tagħha kien meqjus bħala ieħes min-naħa tal-Appellant temm l-Avv. Farrugia.

- **Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, dan it-Tribunal fela' bir-reqqa dovuta d-dokumenti kollha provduti, x-xhieda kollha li nstemgħet matul dan il-proċess u evalwa kif xieraq l-argumenti imqajjma miż-żewġ partijiet. B'mod partikolari dan it-Tribunal għamel analiżi metikoluża tat-*transcript* tar-*recording* li sar klandestinament mill-Appellant, waqt il-laqgħa li huwa kellu ma' Celine Heinrich nhar l-4 ta' Mejju 2015.

Dan fl-inkwadratura sabiex ikun stabbilit jekk ir-riżenja formali li ta l-Appellant kienetx waħda forzata minn xi aġir li jkun jirrispekkja affarijiet li fihom infushom jesponu ksur fundamentali tal-kuntratt tal-impjieg u l-intenzjoni tal-*employer* illi ma jridx jibqa' jonora ċertu termini tal-kuntratt tal-impjieg (*Contractual / Entitlement Test*), u jew aġir mhux ġust u nsapportabbli min-naħa tas-Soċjeta' ntimata li minħabba fih għall-Appellant kien impossibbli li jkompli b'ħidmietu (*Reasonableness Test*).

Minn dak sponut quddiem dan it-Tribunal ma jirriżultax illi sal-punt tar-riżenja mill-impjieg tal-Appellant kien hemm xi tnaqqis fil-kundizzjonijiet tax-xogħol li huwa kien igawdi jew kien hemm xi ndikazzjoni li dawn kienu ser jiġu mibdula għad-detriment tiegħu kagun ta' xi ħaġa konnessa mall-operat tiegħu.

Dan it-Tribunal jinnota li min-naħa tal-Appellant għamel enfasi li r-raġuni tar-riżenja tiegħu kien fuq dak li seħħ fil-laqgħa ta' l-4 ta' Mejju 2015 li huwa kellu ma' Celine Heinrich. Min-naħa tiegħu huwa sostna li f'dik il-laqgħa saru diversi allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu dwar '*stock mismanagement*', allegazzjonijiet meqjusa minnu bħala serji.

Min-naħa ta' Heinrich sostniet li f'dik il-laqgħa ġew ittrattati temi konnessi ma' '*stock management*' li ġew identifikati fl-*Audit Report* u li hija kienet qed tistenna biss ir-rejazzjoni tiegħu bħala l-*Warehouse & Logistics Manager* u x'azzjonijiet kellhom jittieħdu sabiex jiġu mitigati tali temi identifikati f'dan ir-rapport tal-Awdituri li kien ħareġ fi Frar 2015. Hija nsistiet miegħu li bħala *Manager* kellu jikkopera bis-sħiħ mall-General Manager il-ġdid.

Fil-fehma meqjusa ta' dan it-Tribunal, filwaqt li fil-laqgħa riferuta min-naħa ta' Celine Heinrich saħqet fuq immaniġġar aktar rigoruż fir-rigward ta' *Stock*

*Management*, hija bl-ebda mod ma kienet qed taghmel xi allegazzjoni li kienet qed timplika lill-Appellant fuq xi haga illecita. Tant li mit-*transcript* tar-*recording* bil-mohbi li sar mill-Appellant waqt il-laqgha ta' l-4 ta' Mejju 2015, l-Appellant qal '*...Don't blame me of any theft'* u Heinrich irrspondiet bl-aktar mod car li '*No I'm not blaming you'.... ' No your performance has always been good. We are not talking about that, we are talking about this specific issue with stock. It's nothing to do with you'.*

F'dan il-kuntest wara li dan it-Tribunal evalwa l-provi kollha jsib li l-*Management* kellu hafna fiducja fl-Appellant fejn tant kien apprezzat sew xogholu, li sena wara sena baqa' jinghata l-*Performance Bonus*, inkluz fis-sena li ntemm l-impjieg tieghu.

Dan it-Tribunal jirrikonoxxi li laqghat li fihom ikunu ttrattati temi identifikati f'*Audit Reports* mall-Kapijiet tad-Dipartimenti koncernati xi drabi ma jkunux sereni, anzi hafna drabi jkunu skomdi. Dan ghaliex certu temi esposti mill-Awdituri minnhom infushom ikunu qed jesponu lakuni amministrattivi fi hdan l-istess Dipartiment. Skomdi ukoll ghaliex l-azzjonijiet li jkunu mistennija li jigu suggeriti mill-istess Kap tad-Dipartiment sabiex jigi mitigat dak li gie sponut fl-*Audit Report* jista' jkun li jigu nterpretati bhala 'li jmisshom saru qabel'.

Dak izda huwa l-piz li jrid igorr fuq spallejh kull minn jaccetta li jidhol ghall-karigi ta' certu responsabilitajiet.

F'dan il-kaz ittrattat tali skumdita setghet aktar inhasset ghaliex dak kollu li sehh gara fiz-zmien fejn il-kumpanija bidlet is-sidien u giet tifforma parti minn entita' multinazzjonali. Bidla li minnha nnifisha jkollha effetti fuq l-operat tal-kumpanija lokali u li tkun tixpruna bidla fil-kultura lavorativa.

Bidla li f'bosta kazi tkun qed tindika b'mod car 'li l-prattici ta' xoghol li kienu accettabbli l-bierah mhux essenzjalment ser jibqghu accettabbli ghal-lum'. Sfortunatament ghal xi whud 'dan ir-rih ta' bidla jaf jinhass minaccjuz ghall-'istatus quo' taghhom.

Dan it-Tribunal jaghraf li fil-perjodu ta' bejn il-laqgha li sehhet fl-4 ta' Mejju 2015 bejn l-Appellant u Heinrich, fejn l-Appellant hass li saru allegazzjonijiet serji fil-konfront tieghu u d-29 ta' Mejju 2015, id-data tat-tmiem ta' l-impjieg, min-naha tal-*Management* tas-Socjeta' ntimata ma giet inizjalata l-ebda mizura amministrattiva / dixxiplinarja fil-konfront tal-Appellant, bhala rizultat ta' dak li sehh f'dik il-laqgha.

Jinnota wkoll dak li stqarret bil-gurament Isabelle Pisani *HR Manager* li fil-laqgha li l-Appellant kellu maghha qabel ma effettivament intavola r-rizenja tieghu fejn xehdet hekk '…ghidtlu jekk qaltlek xi haga u inti ma taqbilx maghha (ghall-kliem ta' Heinrich) gieghla tissustanzja li qed tghid. Qalli le, ghax issa huwa c-cans. Qalli ghandi offruti zewg *jobs*. Qalli ahjar issa kif ghandi zewg

ghasafar f'idi milli meta jghaddi z-zmien u ma jkolli xejn'. Dan filwaqt li qaltlu sabiex ma jirrizenjax, kompliet: 'Ghax meta gie ghandi u qalli isma jiena ha nirrizenja, jiena kont il-persuna li ghidtlu, dawn l-affarijiet mhux hekk.'

Fil-fehma meqjusa ta' dan it-Tribunal matul dan il-process ma giet esposta l-ebda prova konkreta li l-*management* tas-Socjeta' ntimata b'mod intenzjonat wettaq jew impona xi mizura estrema u jew insopportabbli li minhabba fiha l-Appellant ma setax ikompli fl-impjieg tieghu. L-Appellant kien frettoluz wisq fid-decizjoni tieghu li jirrizenja.

- **Decizjoni**

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gie espost f'dan il-process, it-Tribunal ma giex konvint li l-kaz jittratta terminazzjoni forzata u ghaldqastant jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellant ma kienx jikkostitwixxi '*constructive dismissal*'.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**